# ANTONIO ABDILLA (12.1.1854 – 11.7.1920)

KITBA U RIĊERKA PROF. RAY MANGION ©

(Teramo Abdilla - Agata miż-Żurrieq)

Bernardo Abdilla - Grazia (or Lucrezia)

Asciak 6.9.1613 (Iż-Żurrieq)

Mario Abdilla - Matteola Magro 28.1.1652 (Iż-Żurrieq)

Giuseppe Abdilla - Maria Formosa. 16.6.1699 (Iż-Żurrieq)

Francesco Abdilla. - Grazia Debrincat. 30.11.1747 (Il-Qrendi)

Giuseppe Abdilla. - Flaminia Farrugia 21.11.1780 (Iż-Żurrieq)

Salvo Abdilla - Maria Zammit. 4.2.1820 (Iż-Żurrieq)

Giuseppe Abdilla - Rosa Falzon 8.7.1851 (Iż-Żurrieq)

Don Antonio Abdilla

Antonio Abdilla twieled iż-Żurrieq u kien iben Giuseppe u Rosa Falzon. Huwa tgħammed fl-istess ġurnata mill-Viċi Kurat Don Vincenzo Schembri u ngħata l-ismijiet ta' 'Antonius, Ioseph, Paulinus'. Huwa kien ukoll dixxendent taż-żwieġ bejn Teramo u Agata.

Huwa kien ordnat saċerdot fis-7 ta' Ġunju 1870 fil-Kappella tal-Palazz tal-Isqof il-Belt Valletta mill-Isqof Carmelo Scicluna.

Huwa għamel żmien qasir joqgħod f'Vicolo Dolce f'raħal twelidu iżda mbagħad niżel jgħix u jwettaq il-ħidma spiritwali u pastorali fil-Belt Valletta. Huwa kien diġà residenti fil-Belt Valletta fl-1890 sewwasew fi Triq Sant'Ursola qrib il-Kunvent tas-Sorijiet tal-Ursolini.

Huwa baqa' jabita fil-Belt Valletta sakemm miet fi Triq l-Isqof (iktar tard Triq l-Arċisqof. Huwa ħalla dan il-wied ta' dmugħ fl-età ta' 67 sena fl-Isptar Ċentrali fil-Furjana. Huwa ndifen l-għada ta' mewtu fis-Sotterran tal-Ekkleżjastiċi sewwasew fil-qabar numru 69 appartenenti lis-Sodalità tal-Kleru fi ħdan tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta, fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata, f'Raħal Ġdid. Huwa ma għandu l-ebda ritratt jew mafkar fuq qabru.

*Biblijografija:*

*Arkivju Parrokkjali, iż-Żurrieq (APŻ), Liber Baptizitoruum Vol.VIII (1849-55), fol.145r; Arkivju Arċiverkovili Malta (AAM), Registrum Ordinandorum (1875-84), 17v; MGG 3388, 5 ta' April 1890, Primo Distretto Elettorali, paġna 164; RPM, 2545/1920; Arkivju taċ-Ċimiterju tal-Addolorata (AĊA), Reġistru tad-Dfin, Vol.45, 109,148; ħajr: Anthony Mangion u Eman Bonnici.*

# Joyce Abdilla (8.7.1952 -)

Josephine, magħrufa aħjar bħala 'Joyce', twieldet il-Gżira, bint Alfred Abdilla u Maria Dolores Gauci minn tas-Sliema. Missierha Alfred kien Marixxal il-Qorti filwaqt li Maria Dolores kienet mara tad-dar.

Joyce attendiet fl-Iskola ta' Santa Monika mill-ewwel sena sa Form V fil-Gżira (1957-69). Hija tilfet lil missierha Alfred meta kellha tmien snin iżda kienet reżoluta li tissokta bl-istudji tagħha sakemm tikseb iċ-ċertifikati u jkollha impjieg attrajenti fil-qasam klerikali.

Hi ħadmet għal ftit xhur ma' Aġenzija tal-Vapuri mbagħad bħala Skrivana fuq l-Akkawnts, imbagħad bħala Assistent Raġunjiera kif ukoll Komputista fl-istimi u fil-kontrol tal-istokk u fl-aħħar nett bħala Maniġer fis-sezzjoni tal-finanzi fil-Fabbrika Blue Bell, li iktar tard bidlet isimha għal Wrangler u fl-aħħar nett għal V.F. Malta, fl-Estate Industrijali ta' San Ġwann, fejn hija għamlet b'kollox 32 sena.

Hija ħadmet f'diversi xogħlijiet oħrajn dejjem fil-qasam tal-kontabilità u fl-istess ħin attendiet kors fil-Maniġment mal-Malta Institute of Maniġment f'tas-Sliema. Hija kienet fl-aħħar sitt snin impjegata bħala Maniġer fil-Finanzi mal-Milano Due Hotel fil-Gżira (2007-2013).

Hija kienet tattendi l-Azzjoni Kattolika tal-Bniet fi Triq il-Lunzjata dak iż-żmien parti mill-Iskola ta' Santa Elizabetta (iktar tard trasferit għal St Andrews, Pembroke) fi Triq il-Lunzjata, tas-Sliema, u kienet tintgħażel mit-tim tal-fergħa biex tirrappreżentahom fil-Ġurnata Sportiva li kienet issir fl-Iskola ta' San Albertu fil-Gżira.

Hija nġibdet lejn l-isports indoors in ġenerali anki meta spiċċat mill-iskola u bdiet tilgħab it-table-tennis ma' grupp ta' nisa u rġiel fil-Klabb tal-Olympians fi ħdan l-Iskola tal-Gvern tas-Sliema. Hija ħadet sehem f'dan l-isport għal perjodu qasir u mingħajr parteċipazzjoni f'kompetizzjonijiet.

Hija kienet imħajra f'dan iż-żmien biex tibda tilgħab il-Badminton mis-Sur Henry Pace mill-istess Klabb tal-Olympians. Hija għoġbitha ħafna din id-dixxiplina għaliex kienet logħba li tirrikjedi bosta intelliġenza u ħafna enerġija, jiġifieri fakultà mentali u rekwiżit fiżiku li l-plejer irid ikollu s-setgħa li jikkombina.

Hija daħlet fix-xena tal-Badminton f'epoka li kienet għadha tistenna d-dħul u s-sehem tal-mara b'mod kompetittiv barra minn Malta. Hija kienet identifikata biex tiddaħħal fi grupp ta' nisa biex jitħarrġu taħt il-gwida ta' Joe Zammit Lewis fl-Iskola Primarja Governattiva tal-Gżira u eventwalment taħt id-direzzjoni ta' Frans Vella. Hija wriet determinazzjoni u stamina mill-bidu nett tal-karriera tagħha fil-Badminton.

Sadanittant, hija rreġistrat bħala plejer mal-Tim tan-Nisa tal-Imsida u bdiet tieħu sehem b'mod individwali fil-League Nazzjonali tal-Badminton fl-1970. Hija bdiet tikkowċja tfal l-ewwel fl-Iskola Primarja Governattiva tal-Imsida, imbagħad fil-gym ta' St Andrews (Pembroke) u mbagħad idderiġiet erba' klassijiet fl-Iskola De La Salle, il-Birgu.

Joyce ħadet sehem fit-tliet kategoriji tas-Singles, Doubles u Mixed. Joyce rebħet il-Malta Ladies Championship tal-Badminton tas-Singles għal 13-il sena sħaħ (1976-88), tmienja minnhom fi staġuni konsekuttivi. Hija kienet ukoll Triple Crown Champion (Singles, Doubles u Mixed) fis-snin 1976, 1978 u 1983. Hija kellha lil Paul Vella bħala sieħeb fit-Tim tal-Mixed.

Hija kienet komponent ewlieni fit-Tim Nazzjonali Malti tal-Badminton li beda jieħu sehem f'tournaments tat-Tazza Helvetia barra minn Malta li kienet organizzata f'pajjiżi diversi bħal fl-Italja, fl-Awstralja, fi Spanja, fi Franza kif ukoll fl-Isvizzera. Hija kienet tipprepara mat-Tim Nazzjonali tal-Irġiel.

Hija ngħatat l-unur tal-iSportswoman Nazzjonali tas-Sena fl-1976-77 b'rikonoxximent għall-kontribut tagħha lil-logħba tal-Badminton u l-Isport Malti in ġenerali. Hija kienet l-ewwel sportiva mill-qasam tal-Badminton li rebħet titlu nazzjonali.

Hija kienet ukoll erba' darbiet fost il-finalisti għall-istess titlu fis-snin 1976, 1985, 1986, 1987 u 1988. Hija rtirat għalkollox ta' 38 sena fl-1990 wara li rebħet l-aħħar Kampjonat ta' Malta.

Joyce ċertament stabbiliet lilha nnifsha mhux biss bħala waħda mill-plejers ewlenin tal-logħba iżda bħala stilla fl-istorja ta' dan l-isport f'Malta. Hija kienet rikonoxxuta mill-Malta Badminton of Malta bl-għoti ta' memento fit-28 ta' Novembru 1993 u f'għeluq il-25 sena tal-Kampjonati Nazzjonali tal-Badminton fl-1996.

Joyce għexet it-tfulija tagħha sa meta kellha 12-il sena fid-dar n.112, Triq il-Flotta, il-Gżira, u l-bqija ta' ħajjitha fid-dar n.81, Triq l-Annunzjata, tas-Sliema.

*Biblijografija:*

*'Badminton. Triple Crown Għal Joyce Abdilla', In-Nazzjon Tagħna (23.iii.1996); 'Badminton: Miss Abdilla taker three titles', T (13.iii.1976); 'National Badminton Championships. Joyce Abdilla takes three titles', Malta News (17.iii.1976); John Fenech, 'L-Orizzont Sport, Tliet unuri għal Joyce Abdilla', L-Orizzont (24.v.1978); 'Sportivi tas-Sena', In-Tagħna (30.iii.1981); Karmenu Baldacchino, 'Joyce Abdilla', f'Michael J.Schiavone (ed.) Maltese Biographies of the Twientieth Century 1997 Edition (PIN, Malta 1997), paġna 1; Michael J.Schiavone, Dictionary of Maltese Biographies Vol.I A-F (PIN, Malta, 2009), paġna; kommunikazzjoni personali ma' Ms.Joyce Abdilla (30.viii.2019).*



Joyce Abdilla - Sportiva tas-sena 1976. © Prof. Ray Mangion